MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2004

Citazzjoni Numru. 1590/2000/1

**Maria Colette Pisani f'isimha proprju u ghan-nom tal-minuri Robyn Elishah, Chloe Daniela, Benjamin Philip u Seana Aisling, ahwa Vella.**

**vs.**

**Geoffrey Vella u b'digriet tas-27 ta' Frar 2002 Dr. Vincent Galea u l-P.L. Mario Mifsud Bonnici gew mahtura bhala kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-istess assenti.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni ffirmat bejn il-kontendenti fit-30 ta’ Settembru 1999, fl-atti tan-Nutar Anthony Grech Trapani, u referibbilment ghal klawsola numru 12 ta' l-istess kuntratt, il-konvenut obbliga ruhu li jhallas l-ammont ta’ mija u hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm125) fix-xahar lil martu, l-attrici, bhala manteniment ghal erba` uliedhom, Robyn Elishah, Chloe Daniela, Benjamin Philip u Seana Aisling, ahwa Vella;

Illi minn dak iz-zmien ‘l hawn kien hemm tibdil fic-cirkostanzi finanzjarji tal-partijiet fis-sens illi l-introjtu tal-konvenut zdied, *oltre* l-fatt illi l-attrici ma tistax tlahhaq ma’ l-ispejjez inkorsi ghat-trobbija ta’ ulied il-kontendenti bl-ammont ta’ mija u hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm 125) fix-xahar biss;

Illi ghalkemm interpellat il-konvenut xorta wahda irrifjuta li jikkontribwixxi finanzjarjament, ammont ikbar minn dak miftiehem bhala manteniment ghal erba` uliedu;

Illi ghalhekk, l-istess attrici talbet lil din il-Qorti sabiex:-

1. Tistabbilixxi retta alimentarja gdida, f’ammont ikbar minn mija u hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm 125) fix-xahar, ghal erba` ulied minuri, Robyn Elishah, Chloe Daniela, Benjamin Philip u Seana Aisling, ahwa Vella, u dan billi tigi varjata l-kundizzjoni numru 12 tal-kuntratt ta’ separazzjoni ffirmat bejn il-konvenut u l-attrici fit-30 ta’ Settembru 1999 fl-atti tan-Nutar Anthony Grech Trapani u dan ghar-ragunijiet hawn fuq premessi.

2. Tikkundanna lill-istess konvenut ihallas lill-attrici dik ir-retta alimentarja hekk stabbilita` favur l-ulied minuri, Robyn Elishah, Chloe Daniela, Benjamin Philip u Seana Aisling, ahwa Vella bil-modalitajiet ghall-hlas ta’ l-istess.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt sabiex jidher in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti esebiti ta’ l-attrici (a fol. 4 sa 9);

Rat il-kuntratt ta’ separazzjoni bejn il-partijiet datat 30 ta’ Settembru 1999 – Dok. “A”.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut a fol. 14 tal-process fejn eccepixxa:-

1. Illi t-talba attrici hija nfondata fid-dritt u fil-fatt;

2. Illi minghajr pregudizzju ghall fuq espost, il-hlas ta’ retta alimentarja dovuta ghal ulied l-eccipjenti giet iffissata bi ftehim ma’ l-attrici u kontro-firmata mis-Sekond’Awla tal-Qorti Civili; b’dan ukoll li l-klawsola li titratta dwar il-manteniment dovut lit-tfal jinkorpora procedura ghal awment ta’ ghaxra fil-mija (10%) kull hames snin, sa l-eta` ta' hmistax-il sena jew sa hamsa u ghoxrin sena jekk dawn it-tfal jghaddu ghal edukazzjoni terzjarja.

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-fuq espost ma saret ebda bidla fic-cirkostanzi finanzjarji li jista` jincidi fuq il-hlas tal-manteniment.

4. Ghalhekk, it-talba ta’ l-attrici ghandha tigi respinta bl-ispejjez kontra l-attrici.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut a fol.15 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut a fol. 16 tal-process;

Rat il-verbal tas-seduti quddiem din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Noel Arrigo inkluzi dawk tas-7 ta’ Frar 2001 fejn il-Qorti nnominat lil Dr Greta Agius bhala Assistenta Gudizzjarja biex tigbor il-provi; tat-2 ta’ Mejju 2001; tat-13 ta’ Novembru 2001; tat-23 ta’ Jannar 2002; tat-12 ta’ April 2002; u tat-3 ta’ Ottubru 2002;

Rat ir-rikors ta’ l-attrici datat 13 ta’ Frar 2002 u l-atti kollha sussegwenti inkluz id-digriet datat 27 ta’ Frar 2002 fejn

gew mahtura Dr. Vincent Galea u l-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti Geoffrey Vella;

Rat l-avviz tal-Qorti tat-12 ta' April 2002 fejn il-kawza giet differita quddiem din il-Qorti kif prezentement presjeduta;

Rat ir-rikors ta' Dr Greta Mifsud Agius datat 9 ta' Ottubru 2002;

Rat id-digriet tal-Qorti ta' l-10 ta' Ottubru 2002 fejn irrevokat l-inkarigu ta' Dr Greta Mifsud Agius bhala Assistent Gudizzjarju li fl-istess hin giet appuntata bhala Perit Legali fil-kawza in kwistjoni.

Rat is-seduti mizmuma minn Dr Greta Mifsud Agius, ix-xhieda minnha prodotta u d-dokumenti esebiti, liema seduti jinkludu dawk ta' l-14 ta' Novembru 2001, 11 ta' Frar 2002 fejn ma sar xejn; tat-30 ta' Mejju 2002 fejn xehdet l-attrici, ta' l-14 ta' Ottubru 2002 fejn xehdet Dr. Edwina Grima u l-attrici u fejn l-attrici ddikjarat li ma' ghandhiex provi iktar; ta' l-20 ta' Novembru 2002 fejn xehdet l-attrici in kontro-ezami u tat-2 ta' Dicembru 2002 fejn xehed Francis Vella, missier il-konvenut.

Rat l-affidavit tal-konvenut datat 7 ta' Marzu 2003.

Rat il-verbali tas-seduti quddiem din il-Qorti kif attwalment presjeduta inkluzi dawk tas-6 ta' Marzu 2003; tat-8 ta' Mejju 2003; tat-12 ta' Gunju 2003; tad-19 ta' Novembru 2003 fejn Dr Greta Mifsud Agius halfet ir-rapport; tal-11 ta' Frar 2004; u tas-6 ta' Mejju 2004 fejn Dr Edwina Grima talbet li taghmel nota. Il-Qorti laqghet it-talba u pprefiggiet terminu ta' erbghin (40) gurnata lill-attrici biex tipprezenta n-nota ta' osservazzjonijiet bil-visto/notifika lid-difensur tal-kontroparti li jkollhom erbghin (40) gurnata biex jirrispondu. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-25 ta' Novembru 2004;

Rat ir-rapport tal-Perit Legali;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

### (a) Il-Vertenza Odjerna.

Illi l-partijiet kienu dahlu f'kuntratt ta' separazzjoni bonarja permezz ta' kuntratt datat 30 ta' Settembru 1999 fl-atti tan-Nutar Anthony Grech Trapani u esebiet fl-atti processwali bhala Dok. "A" a fol. 5 sa 9 tal-process.

Illi minn dan il-kuntratt klawsola numru tnax tipprovdi s-segwenti:-

*"The appearer Geoffrey Vella undertakes to pay his wife the appearer Maria Colette Vella a monthly sum of one hundred and twenty five Maltese liri (Lm 125), that is thirty one Maltese liri and twenty five cents (Lm 31.25) per child by way of contribution for the maintenance of the said children; this payment shall be increased by ten per centum (10%) every five years, said payment to be made until such time as these children attain the age of majority or, should they elect to go to university or a technical college or any institute of higher education, until the age of twenty five (25); the payments shall be made by Standing Order on the account of the said Geoffrey Vella;"*

Illi din il-kawza giet ipprezentata mill-attrici sabiex titlob li jkun hemm varjazzjoni tal-kuntratt ta' separazzjoni ffirmat bejnha u bejn il-konvenut fit-30 ta' Settembru 1999. Hija qed titlob zieda fil-manteniment stabbilit ghall-erba' wliedhom. Dan ghaliex qed issostni li kien hemm tibdil fic-cirkostanzi finanzjarji tal-partijiet fis-sens li l-introjtu tal-konvenut zdied, u hija ma tistax tlahhaq ma' l-ispejjez ghat-trobbija ta' wliedhom bl-ammont ta' mija u hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm 125).

Illi l-konvenut oggezzjona minhabba li l-manteniment gie ffissat bi qbil ma' l-attrici u z-zieda hija nkorporata fl-imsemmi kuntratt. *Inoltre* jsostni li ma saret ebda bidla fic-cirkostanzi finanzjarji tieghu.

Illi f'din il-kawza giet nominata Dr Greta Agius bhala Assistent Gudizzjarju fis-7 ta' Frar 2001. Sussegwentement, l-inkarigu ta' l-istess bhala Assistent Gudizzjarju gie revokat u fl-istess hin giet appuntata bhala Perit Legali u dan permezz tad-digriet ta' din il-Qorti datat 10 ta' Ottubru 2002. Hija halfet ir-rapport taghha fid-19 ta' Novembru 2003.

**<u>(b) Provi Prodotti.</u>**

Illi l-**attrici** xehdet li skond il-kuntratt ta' separazzjoni zewgha kellu jghaddilha mija u hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm 125) kull xahar bhala manteniment kif ukoll kellu jhallas nofs l-ispejjez medici. Hija spjegat li spiccaw billi hi thallas tmenin lira Maltija (Lm 80) fix-xahar bhala *loan* u r-ragel kien qed jghaddilha erbghin lira Maltija (Lm 40) bhala manteniment. F'dak iz-zmien hija kienet qed tahdem dsatax-il siegha, izda peress li ma kenitx tlahhaq bil-manteniment kellha zzid il-hinijiet tax-xoghol ghal tletin siegha. Hija sa anke kellha tiddejjen minghand il-genituri taghha u hbieb.

Illi l-attrici spjegat li l-konvenut kien direttur ta' NovaLabs Ltd kif ukoll kien *shareholder*. Kien jaqla' madwar sitt elef u disa` mitt lira Maltija (Lm 6,900), inkluz il-*commission.* Hija spjegat li f'Dicembru 2001 il-konvenut telaq minn Malta u hi ma kenitx taf fejn mar meta telaq hallas nofs il-manteniment dovut filwaqt li l-genituri tieghu hallsu n-nofs l-iehor. F'Jannar 2002 tawha mija u hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm 125) u dan kien l-ahhar pagament ta' manteniment li rceviet.

Illi hija ddikjarat li ma tafx x'qed jaghmel il-konvenut fl-Irlanda ta' fuq izda taf li prezentement qed jghix ma' mara ohra u minnha ghandu zewgt itfal ohra. Hija xehdet ukoll li d-dar matrimonjali ghadha komuni u fuqha hemm mandat ta' inibizzjoni sabiex ma tinbieghx, liema mandat sar mill-kumpanija fejn kien jahdem il-konvenut wara li halla dejn sostanzjali.

Illi l-attrici spjegat li l-konvenut kien ftiehem maghha li jekk hija tixtri sehemu mid-dar matrimonjali fl-ammont ta' tmint elef lira Maltija (Lm 8,000) huwa kien dispost li jhallas mija u sittin lira Maltija (Lm 160) fix-xahar bhala manteniment, flimkien ma' nofs l-ispejjez tas-sahha kif ukoll nofs l-ispejjez edukattivi. B'danakollu l-attrici ddikjarat li l-konvenut ma kienx dispost ghal dan il-ftehim sakemm ma giex finalizzat il-bejgh il-ftehim sar, izda mbaghad telaq minn Malta. Minhabba li zewgha telaq minn Malta l-*loan* fuq id-dar hallsitu hi nkluz sehemu.

Illi in kontro-ezami xehdet li hija ma kenitx taf jekk l-introjtu tal-konvenut zdiedx pero' taf li s-socjeta' tieghu kienet sejra tajjeb u dan kif qalilha huwa. Hija giet infurmata mill-avukat tas-socjeta' fejn kien jahdem zewgha li huwa kellu jaghti l-kumpanija bejn tletin elf lira Maltija (Lm 30,000) u erbghin elf lira Maltija (Lm 40,000). Huwa lanqas hallas il-*credit card* u ghalhekk l-istess debitu gie konvertit f'*loan*.

Illi hija qalet li qatt ma mpediet lil zewgha milli jgib terzi sabiex jaraw id-dar. Hija ma hallietx lil missieru milli jidhol god-dar meta kien igib terzi sabiex jaraw id-dar izda kienet qablet mieghu li taghtih is-senserija. Hija qalet li kemm hi kif ukoll zewgha hadu agenti d-dar.

Illi hija tghix fid-dar matrimonjali flimkien mat-tfal. Il-*boyfriend* taghha ma joqghodx maghha pero' meta jiekol hemm ihallas sehemu. Hija spjegat ukoll li matul is-separazzjoni l-introjtu taghha zdied madwar mitejn u sebghin lira Maltija (Lm 270) fix-xahar.

Illi **Dr Edwina Grima** spjegat li kien hemm ftehim bejn l-attrici u l-konvenut fejn hu kien dispost li jhallas mija u sittin lira Maltija (Lm 160) bhala manteniment bil-kundizzjoni li l-attrici tixtri sehemu mid-dar matrimonjali. Hija kompliet tispjega li waqt it-trattativi l-konvenut kien lest li jemenda l-kuntratt ta' separazzjoni f'dan is-sens wara li jsir il-bejgh u meta minhabba xi problemi l-kuntratt ta' bejgh ma sarx il-konvenut qabad u telaq minn Malta.

Illi **Francis Vella**, missier il-konvenut, xehed li wara s-separazzjoni bonarja tal-kontendenti l-konvenut baqa'

jaghmel l-istess xoghol. Ibnu kellu paga gross ta’ sitt elef, disa` mija u tlieta u sittin lira Maltija (Lm 6,963) kull sena li minnhom kellu jhallas disa` mija u erba` u tmenin lira Maltija (Lm 984) *income tax* bhala *single*, bolla hames mija u erba` u tmenin lira Maltija (Lm584). Kellu elf u hames mitt lira Maltija (Lm 1,500) manteniment ghat-tfal u hames mija u sittax-il lira Maltija (Lm 516) bhala *bank loan* fuq id-dar. Kellu sitt mija u tnejn u sebghin lira Maltija (Lm672) *loan* fuq il-vettura u seba` mija u wiehed u ghoxrin lira Maltija (Lm 721) nofs il-kera ta’ appartament li kien qed jaqsam ma’ haddiehor. Ghalhekk kellu spejjez ta’ erbat elef, disa` mija u tmenin lira Maltija (Lm 4,980) u mill-paga kien jifdallu bilanc ta’ elf, disa` mija u tmienja u tletin lira Maltija (Lm 1,983) kull sena li minnhom il-konvenut ried jghix u jhallas il-kontijiet, kif ukoll ihallas ghat-tfal meta jkunu mieghu darbtejn f’gimgha, kif ukoll imantni tarbija ohra. Ix-xhud iddikjara li huwa kien isellef xi flus lil ibnu fl-ahhar tax-xahar sakemm kienet tasallu l-paga. Il-konvenut kien ukoll jissellef mitejn lira Maltija (Lm 200) minghand nanntu sabiex jghin lill-attrici tibghat lit-tfal *summer school*.

Illi rigward il-*business* tat-tifel huwa qal li jaf li s-socjeta’ kellha tigbor hafna flus. Huwa spjega li l-attrici ftehmet mieghu li d-dar matrimonjali kellha tinbiegh. Meta kien jikkomunika ma’ l-attrici sabiex jiehu n-nies fuq il-post hi kienet taghmilha difficli hafna ghalih. *Inoltre* lili qatt ma kienet thallih jidhol. Omm l-attrici kienet infurmat lis-sensara sabiex ma tiehux aktar nies kif ukoll l-attrici stess kienet qaltlu li kienet interessata tixtri l-post hi.

Illi x-xhud qal li d-dar in kwistjoni kellha xi valur ta’ madwar tnejn u tletin elf lira Maltija (Lm 32,000) jew tlieta u tletin elf lira Maltija (Lm 33,000) izda ibnu kien dispost li jbiegh sehemu lill-attrici ghall-valur ta’ tmint elef lira Maltija (Lm 8,000). Il-konvenut kien ikkalkula li huwa kien se jaqta’ l-*loan* u b’dak li kien se jiffranka kien ihallas aktar manteniment lit-tfal u b’hekk mija u sittin lira Maltija (Lm 160) fix-xahar. Ix-xhud qal li ma kienx jaf ghaliex ma sarx il-bejgh ghax flus kien hemm. Skond hu l-konvenut siefer minhabba li ma kellux flus sabiex izid il-manteniment ghax il-bejgh ma sarx, kif ukoll minhabba li allegatament kien

mhedded anki bil-mewt mill-*boyfriend* taghha. Bhalissa l-konvenut mhux jahdem u ghandu l-gharusa tieghu.

Illi l-**konvenut** xehed li huwa telaq minn Malta mill-15 ta' Dicembru 2001 u qed jghix fl-Irlanda ta' fuq mal-*partner* tieghu u z-zewgt itfal taghhom. Huwa ddikjara li ma jahdimx u ma jahsibx li hemm prospetti ta' xoghol fil-futur. Huwa spjega li qed jircievi *job seeker's allowance* (Dok. "GV 1") fl-ammont ta' 42 sterlina fil-gimgha, l-bqija huma ghall-*partner* tieghu u ghaz-zewgt itfal.

Illi huwa spjega li joqghod go appartament mikri, liema kera qed tigi sussidjata mill-*Housing Benefit* ta' l-Irlanda ta' fuq ghalkemm iridu jaghtu kontribuzzjoni ta' erbghin lira sterlina (40) kull xahar. Ghalhekk huwa sostna li huwa mpossibbli ghalih li jikkontribwixxi ghall-manteniment ta' l-attrici u t-tfal. Huwa qal li ghandu d-dritt li jibqa' jghix fl-Irlanda ta' fuq indefinittivament u m'ghandux bzonn ta' permessi ghall-impjieg.

**<u>(c) Principji Legali.</u>**

Illi fis-sentenza **"Louis Cutajar vs Josette Farrugia gia' Cutajar"** (P.A. (RCP) 29 ta' April 2004 - Cit. Nru: 1438/95/RCP) giet ezaminata l-kwistjoni dwar talba ghall varjazzjoni ta' manteniment konsegwenti ghall-kuntratt ta' separazzjoni bejn il-partijiet.

Illi fil-fatt ghall pattijiet f'kuntratt ta' separazzjoni u talbiet ghal tibdil fl-istess qed issir wkoll riferenza ghall kawza fl-ismijiet **"Emanuel Bugeja vs Mary Rose Bugeja et"** deciza min din il-Qorti, kif preseduta fl-4 ta' Lulju, 2002 inghad illi:-

"*Illi dan il-kuntratt sar a bazi ta' l-artikolu 59 tal-Kap 16, u din ghandha l-effetti taghha kif provduti fl-artikolu 35 tal-Kodici Civili, u bhala tali twaqqaf kull pendenza gudizzjarja dwar is-separazzjoni personali bejn il-partijiet u konjugi, b'dan li l-istess seperazzjoni hija regolata biss bl-istess kuntratt, hlief ghal dak provdut fl-artikolu 61 tal-Kap 16, fl-interess tal-istess minuri, fejn din il-Qorti tista' thassar kull*

*ftehim bejn il-partijiet dwar l-istess ulied, dejjem fl-interess ta' l-istess minuri.*

*Illi allura ssegwi li ghal kull provediment iehor, inkluz biex jithassar jew jigi varjat dak li hemm miftiehem bejn il-partijiet, wiehed irid jipprocedi taht id-dispozizzjonijiet relattivi dwar kuntratti in generali quddiem din il-Qorti, li ghandha kompetenza generali, hlief jekk provdut b'mod iehor b'xi ligi, dwar kwistjonijiet kollha ta' natura civili u kummercjali".*

Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Galea vs Galea"** deciza minn din il-Qorti, diversament preseduta, fis-26 ta' Frar, 1956, li kienet titratta ghall-talba ghal awment ta' manteniment minn dak pattwit intqal illi "*l-promotur tal-alimenti stabbiliti bis-sahha ta' transazzjoni, hija ligi bejn il-partijiet li jistipulawha u ma' tistax tithassar hlief bil-kunsens taghhom jew ghar-ragunijiet validi skond il-ligi ghal kawzi stabbiliti ghal impunjazzjoni tal-kuntratti, u li, ghalhekk, din it-transazzjoni li saret obbligu kuntrattwali ma tistax tithassar jew tinbidel, hlief bil-volonta' tal-kontraenti"*.

Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Victoria Camilleri pro et noe vs Mahmood Faraj Abdul Kareem"** deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fit-2 ta' Novembru, 1994 dik l-Onorabbli Qorti qalet illi:-

*"… l-artiklu 992 sub-artiklu (2) tal-Kodici Civili jghid hekk:*

*"Dawn il-kuntratti ma jistghux jigu mhassra hlief bil-kunsens ta' xulxin tal-partijiet jew ghal ragunijiet maghrufin mill-ligi"*

*u dan wara li s-subartiklu (1) jghidilna li:*

*"Il-kuntratti maghmulin skond il-ligi, ghandhom sahha ta' ligi ghal dawk li jkunu ghamluhom".*

Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Ruth Sultana *proprio et. nomine* vs Emanuel Sultana"** (P.A. (SF) (RCP) 26 ta' Frar 2004) din il-Qorti wara li ezaminat id-dispozizzjonijet ta' l-**artikolu 54 tal-Kap 16** waslet ghall-konkluzjoni li tali

artikolu ma japplikax ghal talbiet ghall-varjazzjoni ta' manteniment stabbilit b'kuntratt bejn il-partijiet u l-principju li japplika ghall-istess talbiet huwa li l-kuntratt huwa ligi bejn il-partijiet u ghandu jigi rispettat bhal kull kuntratt iehor bejn il-kontraenti.

Illi *noltre* fis-sentenza fl-ismijiet **"Alfred Grech vs Pauline Grech pro et noe"** (A.C. 16 ta' April 2004 - App.Nru: 2479/1996/1) deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell gie ritenut li:-

*"Huwa minnu li l-ligi civili taghna ma toqghodx tiddistingwi bejn manteniment impost jew ordnat mill-Qorti minn iehor pattwit bejn il-konjugi nfushom ghall-fini ta' varjazzjoni. Imma l-appellant messu jaf ukoll li fejn si tratta ta' ftehim per via ta' kuntratt ghandu wkoll jghodd fermament il-principju ta' pacta sunt servanda. Il-Qrati taghna, minkejja li fil-bidu jirrizulta li addottaw posizzjoni rigida, anzi wahda inflessibbli, meta gew rinfaccjati b'talbiet ghal revizjoni u/jew varjazzjoni ta' retti alimentari li jkunu gew miftehma bejn il-konjugi stess, mal-milja taz-zmien hassew in-necessita' li fl-interess ta' l-ordni pubbliku, li hu suprem u aqwa minn kull ligi jew ftehim bejn il-partijiet, kellhom jikkoncedu illi taht certi cirkostanzi li gew ikkwalifikati bhala ta' natura gravi, eccezzjonali jew indipendenti mill-volonta' ta' l-attur li gabuh fl-impossibilita' li jhallas r-retta alimentari, allura f'kazi simili jista' jkun hemm lok ghal varjazzjoni. Fil-fehma kunsidrata ta' din il-Qorti, din il-linja flessibbli fil-kazi propizji hija wahda ferm gusta mill-posizzjoni addottata qabel. Effettivament, din il-Qorti jidhrilha wkoll li hemm, u mhux ma hemmx, differenza bejn manteniment ordnat mill-Qorti "ope legis" minn iehor miftiehem volontarjament mill-konjugi stess. Fit-tieni kaz, wiehed ghandu jipprezumi li trattandosi hawn ta' ftehim ta' separazzjoni bonarja u mhux ko-atta jew forzata, li l-partijiet ftehmu fl-ahjar interess taghhom it-tnejn."*

## (d) Apprezzament tal-Provi.

Illi mill-provi kollha prodotti u a bazi wkoll ta' l-insenjamenti tal-gurisprudenza msemmija din il-Qorti taqbel mal-

konkluzjoni tal-Perit Legali Dr Greta Mifsud Agius cjoe` li tichad it-talba attrici.

Illi l-attrici talbet varjazzjoni fil-kuntratt tas-separazzjoni fis-sens li xtaqet zieda fil-manteniment stipulat fil-kuntratt minhabba li hija ma tistax tlahhaq ma’ l-ispejjez ta’ l-erba’ wliedhom u kif ukoll ghax sostniet li kien hemm tibdil fic-cirkostanzi finanzjarji tal-konvenut fejn il-paga tieghu zdiedet.

Illi apparti jekk l-attrici rnexxilhiex tipprova dawn l-allegazzjonijiet jew le, jidher car li a bazi tal-ligi odjerna u tal-gurisprudenza fuq citata l-azzjoni attrici ma tistax tirnexi *stante* li l-kuntratt ta’ separazzjoni bejn il-partijiet huwa ligi bejn l-istess partijiet, bhal kull kuntratt iehor, u bhala regola l-istess relazzjonijiet ta’ bejn il-partijiet ghandhom jigu regolati skond it-termini ta’ l-istess kuntratt, bl-eccezzjoni ta’ dak provdut fl-**artikolu 61** dwar il-kura u kustidja tat-tfal.

Illi f’dan il-kaz l-artikolu 12 tal-kuntratt ta’ separazzjoni datat 30 ta’ Settembru 1999 jipprovdi b’mod car li l-konvenut huwa obbligat li jhallas manteniment ta’ mija u hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm 125) ghall-ulied, u hemm provdut kif ghandu jizdied, u ghalhekk certament li din l-azzjoni kif proposta ma tistax tirnexxi *stante* li l-awment tal-kontribuzzjoni ta’ manteniment mill-konvenut hija ndikata fl-istess kuntratt – u ma hemm l-ebda kwalsola ohra li taghti lill-attrici anke ghan-nom ta’ uliedha, dritt ta’ manteniment kif minnha propost.

Illi dan qed jinghad apprti l-fatt li dak li l-attrici allegat ma giex ippruvat f’din il-kawza, ghaliex hija *in verita* ma rnexxilhiex tipprova li l-introjtu tal-konvenut zdied. Infatti hija ma kinitx f’pozizzjoni tispjega dwar x’inhi l-paga ta’ llum u x’tibdil kellu. Hija assumiet li kellu ntrojtu akbar fuq dak li qalilha huwa. Kif qalet tajjeb il-Perit Legali fil-kunsiderazzjonijiet taghha mill-provi rrizulta li l-konvenut ilu ma jhallas manteniment sa minn Frar 2002. Apparti minn hekk, is-socjeta’ fejn kien Direttur u *shareholder*, infurmat lill-attrici li kien ghamlilhom debitu ta’ tletin elf lira Maltija (Lm 30,000). *Inoltre* l-Bank of Valletta plc

infurmawha li l-konvenut lanqas il-*credit card* ma kien qed ihallas. Kwindi rrizulta li mhux talli l-introjtu tal-konvenut ma zdiedx talli kellu problemi finanzjarji.

Illi l-attrici fix-xhieda taghha semmiet li kien hemm negozjati sabiex il-konvenut ibiegh sehemu tad-dar matrimonjali lil martu stess biex bil-flus kien ihallas il-*loan* u kien lest li jzid il-manteniment ghal mija u sittin lira Maltija (Lm 160) fix-xahar. Dan kollu gie kkoroborat minn missier il-konvenut. Izda apparti li dan huwa ghal kollox irrelevanti ghat-tabiet attrici kif minnha proprosti, din certament ma hijiex prova fiha nnifisha li tindika li l-introjtu tal-konvenut zdied.

Illi apparti jirrizulta mill-provi li bhalissa l-konvenut qed jghix fl-Irlanda ta' Fuq mal-*partner* tieghu li minnha ghandu zewgt itfal ohra. Huwa mhux qed jahdem u jghix fuq il-*job seeker's allowance.* Ghalhekk certament li dak allegat mill-attrici jinsab kontradett mill-provi prodotti. Bla ebda dubju l-fatt li ghandu zewgt itfal ohra minghand il-*partner* tieghu ma jezonerahx mill-obbligu li assuma lejn l-erba' wlied l-ohra tieghu.

Illi ghalhekk it-talbiet attrici kif dedotti ghandhom jigu michuda *stante* li fl-ewwel lok huma nfondati fid-dritt u fit-tieni lok u bla pregudizzju ghall-istess minhabba l-fatt li fi kwalunkwe kaz l-allegazzjonijiet attrici ma gewx ippruvati. Dan ovvjament salv id-dritt ta' l-attrici li tfittex lill-konvenut ghall-arretrati tal-manteniment li huwa dovut lilha.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjoniet tal-konvenut **tichad** it-talbiet attrici *stante* li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Bl-ispejjez kollha ta' din il-kawza kontra l-istess attrici.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------